**Mistoqsijiet Parlamentari**

**Seduta Nru. 46**
**It-Tlieta, 8 ta' Novembru, 2022 fl-4:00 p.m.**

**LUKANDA SELMUN PALACE**

**2079. L-ONOR. IVAN CASTILLO** staqsa lill- Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 419 li oriġinarjament saret lill-Uffiċċju tal-Prim Ministru u li issa ġiet riferuta lilu u jgħid jekk/meta tinħareġ tender għal-lukanda Selmun Palace dan jinkludix il-Palazz ukoll? L-offerent rebbieħ ikollu kontroll sħiħ u aċċess għall-Palazz? L-offerent rebbieħ se jkun responsabbli li jara li l-palazz ikun mantained bi spejjeż tagħhom mingħajr ma jkollu aċċess għaliha jew il-Gvern ta' Malta jibqa' responsabbli mill-manutenzjoni tal-palazz?

28/06/2022

**ONOR. OWEN BONNICI:** Nitlob lill-Onorevoli Interpellant jirreferi l-mistoqsija tieghu lill-Ministeru kkonċernat.

Seduta 46
08/11/2022

**LUKANDA SELMUN PALACE**

**2080. L-ONOR. IVAN CASTILLO** staqsa lill- Ministru għat-Turiżmu: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 419 li oriġinarjament saret lill-Uffiċċju tal-Prim Ministru u li issa ġiet riferuta lilu u jgħid jekk/meta tinħareġ tender għal-lukanda Selmun Palace dan jinkludix il-Palazz ukoll? L-offerent rebbieħ ikollu kontroll sħiħ u aċċess għall-Palazz? L-offerent rebbieħ se jkun responsabbli li jara li l-palazz ikun mantained bi spejjeż tagħhom mingħajr ma jkollu aċċess għaliha jew il-Gvern ta' Malta jibqa' responsabbli mill-manutenzjoni tal-palazz?

28/06/2022

**ONOR. CLAYTON BARTOLO:** Nirreferi lill-Onorevoli Interpellant biex jagħmel il-mistoqsija tiegħu lill-Ministru kkonċernat.

Seduta 46
08/11/2022

**OHSA - WORKING COMPLEMENT**

**2224. L-ONOR. IVAN CASTILLO** staqsa lill- Ministru għax-Xogħlijiet Pubbliċi u l-Ippjanar: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 427, li oriġinarjament saret lill-Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza u li issa ġiet riferuta lilu, u jgħid il-working complement għall-Awtorità għas-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol (OHSA) u ċjoè x'inhu l-ammont ta' ħaddiema li jagħmlu spezzjonijiet bejn l-2013 u sad-data li titwieġeb din il-mistoqsija parlamentari?

05/07/2022

**ONOR. STEFAN ZRINZO AZZOPARDI:** Filwaqt li nitlob lill-Onorevoli interpellant biex jagħmel referenza għal mistoqsijiet parlamentari 2225 u 2226 għal figuri relatati ma' spezzjonijiet u penali fejn hu l-każ, din hija l-lista tal-uffiċjali inkarigati kif mitlub.

| **Sena** | **Numru ta' uffiċjali** |
|---|---|
| 2013 | 13 |
| 2014 | 11 |
| 2015 | 13 |
| 2016 | 15 |
| 2017 | 17 |
| 2018 | 15 |
| 2019 | 13 |
| 2020 | 13 |
| 2021 | 13 |
| Sal-31.10.22 | 12 |

Minkejja li n-numru ta' ħaddiema baqa' prattikament l-istess, dan mhux rifless fl-ammont ta' spezzjonijiet li żdied b'mod konsiderevoli kif indikat fit-tweġiba għall-mistoqsija parlamentari numru 2225.

Seduta 46
08/11/2022

**OHSA - SPEZZJONIJIET**

**2225. L-ONOR. IVAN CASTILLO** staqsa lill- Ministru għax-Xogħlijiet Pubbliċi u l-Ippjanar: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 428, li oriġinarjament saret lill-Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza u li issa ġiet riferuta lilu, u jgħid kemm saru spezzjonijiet mill-Awtorità għas-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol (OHSA) u kemm spezzjonijiet irriżultaw fi proċeduri li rriżultaw li r-regolamenti ma ġewx osservati bejn l-2017 u l-2021?

05/07/2022

**ONOR. STEFAN ZRINZO AZZOPARDI:** Fil-perjodu msemmi, l-OHSA wettqet is-segwenti spezzjonijiet li wasslu għall-ħruġ ta diversi multi u t-teħid ta' kawżi ġudizzjarji.

| **Sena** | **2017** | **2018** | **2019** | **2020** | **2021** |
|---|---|---|---|---|---|
| Numru ta' spezzjonijiet | 3012 | 3738 | 3511 | 4947 | 4159 |
| Multi maħruġa | 539 | 591 | 354 | 372 | 780 |
| Valur tal-multi maħruġa (€) | 175,000 | 197,650 | 159,000 | 140,500 | 297,750 |
| Prosekuzzjonijiet mibdija | 176 | 206 | 97 | 0 | 164 |
| Numru approssimattiv ta' spezzjonijiet li wasslu għal proċeduri * | 715 | 797 | 451 | 372 | 1316 |

* In-numru huwa approssimattiv għax jista jkun hemm spezzjonijiet li wasslu biex jinħarġu iktar minn multa waħda.

Seduta 46
08/11/2022

**PENALI FUQ KSUR TA' REGOLAMENTI TA' SAĦĦA U SIGURTÀ**

**2226. L-ONOR. IVAN CASTILLO** staqsa lill- Ministru għax-Xogħlijiet Pubbliċi u l-Ippjanar: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 429, li oriġinarjament saret lill-Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza u li issa ġiet riferuta lilu, u jagħti l-lista tal-penali u r-regolamenti miksura għal dawk li ma osservawx ir-regolamenti tas-saħħa u s-sigurtà fil-perjodu bejn l-2017 sal-2021?

05/07/2022

**ONOR. STEFAN ZRINZO AZZOPARDI:**

| | **2017** | **2018** | **2019** | **2020** | **2021** |
|---|---|---|---|---|---|
| Każijiet mibdija mill-OHSA quddiem il-Qorti tal-Maġistrati | 176 | 206 | 97 | 0 | 164 |
| Penali maħruġa mill-OHSA | 539 | 591 | 354 | 372 | 780 |
| Total ta' multi maħruġa mill-OHSA (€) | 175,000 | 197,650 | 159,000 | 140,500 | 297,750 |

Seduta 46
08/11/2022

**IMWIET FUQ IL-POST TAX-XOGĦOL**

**2227. L-ONOR. IVAN CASTILLO** staqsa lill- Ministru għax-Xogħlijiet Pubbliċi u l-Ippjanar: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 430, li oriġinarjament saret lill-Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza u li issa ġiet riferuta lilu, u jagħti l-lista tal-imwiet fuq il-post tax-xogħol u s-settur fejn dawn ġew ikkawżati, kif ukoll il-korrimenti fuq il-post tax-xogħol u s-settur fejn dawn ġew ikkawżati fil-perjodu bejn l-2017 u d-data li fiha titwieġeb din il-mistoqsija parlamentari?

05/07/2022

**ONOR. STEFAN ZRINZO AZZOPARDI:** Fil-perjodu msemmi seħħew is-segwenti mwiet fuq ix-xogħol:

| **Sena** | **Numru ta' fatalitajiet** | **Settur** |
|---|---|---|
| 2017 | 1 | 1 Kostruzzjoni |
| 2018 | 4 | 4 Kostruzzjoni |
| 2019 | 3 | 3 Kostruzzjoni |
| 2020 | 8 | 4 Kostruzzjoni,<br>2 Trasport u ġarr,<br>1 Manifattura,<br>1 Inċident waqt sewqan ta' vettura fit-triq. |
| 2021 | 9 | 8 Kostruzzjoni,<br>1 Servizzi |
| 2022 | 13 | 6 Kostruzzjoni,<br>1 Immaniġġjar ta' skart,<br>2 Servizzi,<br>1 Trasport u ġarr,<br>3 Inċident waqt sewqan ta' vettura fit-triq |

Informazzjoni dwar korrimenti u s-settur fejn seħħew tinġabar mid-Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali, u mhux mill-OHSA.

Seduta 46
08/11/2022

**AWTORITÀ MALTIJA GĦAT-TURIŻMU – INFIQ FUQ PROĠETTI FIL-LOKALITÀ TA' MARSASKALA**

**2252. L-ONOR. IVAN BARTOLO** staqsa lill- Ministru għat-Turiżmu: Jista' l-Ministru jindika kemm intefqu flus mill-Awtorità Maltija għat-Turiżmu għal-lokalità ta' Marsaskala matul l-2020 u sad-data li tiġi mwieġba din il-mistoqsija? Xi proġetti twettqu b'dawn il-flus allokati?

11/07/2022

**ONOR. CLAYTON BARTOLO:** Nirreferi lill-Onorevoli Interpellant għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 731.

Seduta 46
08/11/2022

**REATI TA' KRIMINALITÀ**

**2253. L-ONOR. IVAN BARTOLO** staqsa lill- Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza: Jista' l-Ministru jindika kemm saru reati ta' kriminalità mis-sena 2019 sad-data li tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari? Jista' jgħid fiex kienu jikkonsistu dawn ir-reati?

11/07/2022

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Infurmat illi n-numru ta' rapporti ta' reati rreġistrati fis-sistema kompjuterizzata tal-Pulizija bejn l-1 ta' Jannar 2019 u t-30 ta' Settembru 2022, kien kif jidher fit-tabella riprodotta hawn taħt.

| Crime category | 2019 | 2020 | 2021 | Upto 30/09/2022 |
|---|---|---|---|---|
| ABANDON OF CHILD | 3 | 6 | 4 | 3 |
| ABUSE OF PUBLIC AUTHORITY | 4 | 16 | 18 | 8 |
| ARSON | 109 | 94 | 36 | 25 |
| ATTEMPTED OFFENCES | 550 | 380 | 404 | 291 |
| BIGAMY | 0 | 1 | 0 | 1 |
| BODILY HARM | 926 | 777 | 742 | 619 |
| BREACH OF BAIL CONDITIONS | 0 | 0 | 0 | 8 |
| COMPUTER MISUSE | 187 | 270 | 337 | 370 |
| CONCEALMENT OF BODIES | 1 | 0 | 0 | 0 |
| CRIMES - RELIGIOUS SENTIMENT | 1 | 0 | 0 | 0 |
| CRIMES AGAINST PUBLIC SAFETY | 1 | 0 | 0 | 0 |
| CRIMES AGAINST PUBLIC PEACE | 3 | 4 | 4 | 16 |
| CRIMES VS ADMIN OF JUSTICE ETC | 0 | 7 | 7 | 3 |
| DAMAGE | 3939 | 3203 | 3512 | 2727 |
| DOMESTIC VIOLENCE | 1325 | 1645 | 1741 | 1329 |
| DRUGS | 159 | 168 | 603 | 142 |
| FORGERY | 45 | 35 | 94 | 45 |
| FRAUD | 821 | 811 | 2376 | 1099 |
| GENDER BASED VIOLENCE | 0 | 2 | 0 | 2 |
| HOMICIDE | 4 | 8 | 2 | 8 |
| IMMIGRATION | 6 | 27 | 147 | 37 |
| MONEY LAUNDERING | 36 | 105 | 180 | 91 |
| PERJURY AND FALSE SWEARING | 1 | 6 | 13 | 10 |
| PORNOGRAPHY | 13 | 26 | 37 | 13 |
| PRETENDED RIGHTS | 183 | 228 | 280 | 239 |
| PROSTITUTION | 1 | 3 | 3 | 5 |
| SEXUAL OFFENCE | 145 | 124 | 167 | 134 |
| TERRORIST FINANCING | 0 | 2 | 0 | 0 |
| THEFT | 6631 | 4578 | 4478 | 3420 |
| THREATS AND PRIVATE VIOLENCE | 295 | 355 | 389 | 313 |

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| TRAFFICKING OF PERSONS | 0 | 1 | 3 | 3 |
| UNAUTHORIZED ACC IN REST AREA | 0 | 9 | 12 | 13 |
| VIOLATION OF PLACES OF CONFINE | 16 | 39 | 16 | 1 |
| VIOLENCE AGAINST PUB OFFICER | 184 | 159 | 164 | 119 |
| **Grand Total** | **15589** | **13089** | **15769** | **11094** |

| Theft Sub-category | 2019 | 2020 | 2021 | Upto 30/09/2022 |
|---|---|---|---|---|
| ARMED ROBBERY | 28 | 40 | 27 | 22 |
| BAR RESTAURANT - CUSTOMERS | 346 | 119 | 125 | 142 |
| BAR RESTAURANT - EMPLOYEES | 13 | 9 | 13 | 13 |
| BAR RESTAURANT - PREMISES | 59 | 51 | 49 | 36 |
| BUILDING SITES | 188 | 219 | 138 | 122 |
| FACTORIES - EMPLOYEES | 5 | 7 | 3 | 4 |
| FACTORIES - PILFERING | 1 | 0 | 1 | 0 |
| FACTORIES - PREMISES | 18 | 6 | 15 | 13 |
| FACTORIES - VACANT | 0 | 3 | 1 | 1 |
| FARMS AND FIELDS | 114 | 132 | 107 | 68 |
| GOVERNMENT BUILDINGS | 29 | 38 | 34 | 24 |
| HOTEL - CUSTOMERS | 168 | 32 | 75 | 90 |
| HOTEL - EMPLOYEES | 8 | 6 | 3 | 3 |
| HOTEL - PREMISES | 18 | 16 | 10 | 12 |
| MUGGING | 58 | 27 | 34 | 22 |
| OFFICES - EMPLOYEES | 19 | 12 | 11 | 2 |
| OFFICES - PREMISES | 28 | 24 | 23 | 18 |
| OTHER THEFT | 710 | 493 | 486 | 424 |
| PICK-POCKETING | 819 | 242 | 244 | 210 |
| RELIGIOUS TEMPLES - PREMISES | 6 | 4 | 9 | 7 |
| RELIGIOUS TEMPLES - VISITORS | 9 | 5 | 6 | 5 |
| RESIDENCE - EXTERIOR | 89 | 104 | 110 | 74 |
| RESIDENCE - OCCUPIED | 647 | 404 | 390 | 238 |
| RESIDENCE - VACANT | 80 | 115 | 73 | 58 |
| RETAIL OUTLETS - CUSTOMERS | 93 | 70 | 58 | 58 |

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| RETAIL OUTLETS - EMPLOYEES | 35 | 30 | 24 | 20 |
| RETAIL OUTLETS - PREMISES | 197 | 156 | 131 | 81 |
| RETAIL OUTLETS - SHOP LIFTING | 241 | 198 | 194 | 193 |
| SNATCH AND GRAB | 88 | 61 | 40 | 53 |
| STREETS AND PUBLIC AREAS | 339 | 299 | 299 | 218 |
| THEFT FROM BEACHES | 146 | 117 | 140 | 142 |
| THEFT FROM SEACRAFT | 51 | 61 | 32 | 27 |
| THEFT FROM VEHICLE - EXTERIOR | 426 | 397 | 349 | 239 |
| THEFT FROM VEHICLE - INTERIOR | 1290 | 831 | 945 | 569 |
| THEFT OF SEA CRAFT | 20 | 20 | 25 | 12 |
| THEFT OF VEHICLE | 245 | 230 | 254 | 200 |
| **Grand Total** | **6631** | **4578** | **4478** | **3420** |

Seduta 46
08/11/2022

**TAĦRIĠ LILL-UFFIĊJALI TAL-ĦABS**

**2254. L-ONOR. IVAN BARTOLO** staqsa lill- Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza: Jista' l-Ministru jgħid kemm huwa n-numru ta' uffiċjali tal-ħabs li għamlu taħriġ f'dawn l-aħħar sentejn u sad-data li tiġi mwieġba din il-mistoqsija? X'tip ta' taħriġ ingħataw dawn l-uffiċjali?

11/07/2022

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Infurmat li t-taħriġ li sar minn uffiċjali tal-ħabs jinsab fit-tabella riprodotta hawn taħt.

| | |
|---|---|
| Firearms Course / Tactical Firearms | 142 |
| Firefighting Course | 268 |
| Pepper spray Course | 82 |
| First Aid Course | 175 |
| Vocational Education | 2 |
| Primary Health Care and Healthy Lifestyles | 25 |
| Body Scanners | 51 |
| Cognitive Behavioural Challenges | 38 |
| Biopsychosocial well-being | 28 |
| Electrical Diploma City & Guilds 2635 Level 2 | 1 |
| Applying Restorative Justice | 26 |
| Transition of Inmates to the Labour Market | 21 |
| Resettlement of Inmates into Society | 21 |
| Diploma City & Gills Building Regulations | 1 |
| Aluminium and Alloy wheels using TIG | 1 |
| Math, English, Maltese (MCAST) | 1 |
| Certificate in Management | 1 |
| BA in Management | 1 |

| | |
|---|---|
| Undergraduate Diploma in Business Management | 4 |
| Diploma in Accounting and Business - Part 1 | 1 |
| AutoCAD Essentials Course (2D & 3D courses) | 2 |
| AMSR Outpatient Direct Care Training | 35 |
| Driving Course | 12 |

Seduta 46
08/11/2022

**RATA TA' TFAL ILLITTERATI F'PAJJIŻNA**

**2255. L-ONOR. IVAN BARTOLO** staqsa lill- Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jindika kemm hija r-rata tat-tfal illitterati f'pajjiżnafil-preżent? X'qiegħed isir biex dawn it-tfal ma jibqgħux illitterati?

11/07/2022

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li meta l-istudenti jkunu għadhom fil-Primarja u jkollhom diffikultajiet fil-litteriżmu ma jistgħux jitqiesu lliterati għax ikun għadu kmieni wisq.
Madanakollu, biex it-tfal itejbu l-livell tagħhom ta' litteriżmu, fl-iskejjel primarji tal-istat l-għalliema tal-klassi jipprovdu tagħlim differenzjat li minnu jibbenifikaw it-tfal kollha filwaqt li t-tfal l-aktar batuti fil-qari u fil-kitba jingħataw lezzjonijiet ta' litteriżmu mill-għalliema kumplimentari. Filfatt, matul is-snin l-Aġenzija Nazzjonali tal-Litteriżmu introduċiet diversi programmi bħal Reading Recovery programme, Klabb Naħla, Nwar, Kompetenzi Ewlenin (CCP) u diversi programmi oħra li l-informazzjoni ddettaljata ngħatat fil-mistoqsijiet parlamentari 2133 u 2134.

Seduta 46
08/11/2022

**EMBRIJUNI FFRIŻATI**

**2725. L-ONOR. IVAN BARTOLO** staqsa lill- Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jagħti n-numru ta' kemm hemm embrijuni ffriżati b'kollox? Jista' jagħti break down sena b'sena?

03/10/2022

**ONOR. CHRIS FEARNE:** Ninforma lil Onorevoli Nterpellant li waqt li sal-llum 685 embrijun li kienu krijopreservati ġew impjantati ġo ġuf l-omm, bħal issa hemm 506 embrijun li qed jistenna biex jiġi mpjantat.

Seduta 46
08/11/2022

**ITTESTJAR TA' EMBRIJUNI - PGT**

**2726. L-ONOR. IVAN BARTOLO** staqsa lill- Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jgħid kemm se jsir ittestjar fuq l-embrijuni taħt il-Preimplantation Genetic Testing (PGT)?

03/10/2022

**ONOR. CHRIS FEARNE:** Ninforma lill-Onorevoli Interpellant illi L-PGTM issir skont kif indikat mill-protokol tal-EPA kif diġa diskuss fil-Kumitat Parlamentari tas-Saħħa.

Seduta 46
08/11/2022

**MINISTERU GĦALL-EKONOMIJA, IL-FONDI EWROPEJ U L-ARTIJIET – ADVISORS FUQ KUNTRATTI/DIRECT ORDERS**

**3246. L-ONOR. CLAUDETTE BUTTIGIEG** staqsiet lill- Ministru għall-Ekonomija, il-Fondi Ewropej u l-Artijiet: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 2594 u jqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra lista minn kull entità li taqa' taħtu ta' kemm ġew impjegati advisors fuq kuntratti/direct orders u kemm hu l-valur tal-kuntratt mill-2018 sal-2022?

20/10/2022

**ONOR. SILVIO SCHEMRBI:** Ninforma lill-Onorevoli Interpellant li t-tagħrif għadu qed jinġabar u t-tweġiba tingħata f'seduta oħra.

Seduta 46
08/11/2022

**MINISTERU GĦALL-AMBJENT, L-ENERĠIJA U L-INTRAPRIŻA – ADVISORS FUQ KUNTRATTI/DIRECT ORDERS**

**3247. L-ONOR. CLAUDETTE BUTTIGIEG** staqsiet lill- Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u l-Intrapriża: Tista' l-Ministru twieġeb il-mistoqsija parlamentari 2600 u tqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra lista minn kull entità li taqa' taħtha ta' kemm ġew impjegati advisors fuq kuntratti/direct orders u kemm hu l-valur tal-kuntratt mill-2018 sal-2022?

20/10/2022

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li r-risposta tingħata f'xi seduta oħra.

Seduta 46
08/11/2022

**MINISTERU GĦALL-FINANZI U X-XOGĦOL – ADVISORS FUQ KUNTRATTI/DIRECT ORDERS**

**3248. L-ONOR. CLAUDETTE BUTTIGIEG** staqsiet lill- Ministru għall-Finanzi u x-Xogħol: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 2601 u jqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra lista minn kull entità li taqa' taħtu ta' kemm ġew impjegati advisors fuq kuntratti/direct orders u kemm hu l-valur tal-kuntratt mill-2018 sal-2022?

20/10/2022

**ONOR. CLYDE CARUANA:** Ninforma lill-Onorevoli Interpellanta illi l-informazzjoni mitluba qed titpoġġa fuq il-Mejda tal-Kamra.

Seduta 46
08/11/2022

**MINISTERU GĦALL-EDUKAZZJONI, L-ISPORT, IŻ-ŻGĦAŻAGĦ, IR-RIĊERKA U L-INNOVAZZJONI – ADVISORS FUQ KUNTRATTI/DIRECT ORDERS**

**3249. L-ONOR. CLAUDETTE BUTTIGIEG** staqsiet lill- Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 2602 u jqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra lista minn kull entità li taqa' taħtu ta' kemm ġew impjegati advisors fuq kuntratti/direct orders u kemm hu l-valur tal-kuntratt mill-2018 sal-2022?

20/10/2022

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Ninforma lill-Onor. Interpellanta li l-informazzjoni mitluba tingħata f'seduta oħra.

Seduta 46
08/11/2022

**HOME OWNERSHIP SCHEMES - KAŻIJIET PENDENTI**

**3311. L-ONOR. REBEKAH BORG** staqsiet lill- Ministru għall-Ekonomija, il-Fondi Ewropej u l-Artijiet: Jista' l-Ministru jgħid kemm għad fadal każijiet pendenti ta' residenti fil-plots tal-Home Ownership Schemes li għadhom fuq bażi ta' konvenju u li l-Awtorità tal Artijiet għadha ma akkwistatx mingħand is-sidien oriġinali tagħhom, maqsuma skont il-lokalità?

24/10/2022

**ONOR. SILVIO SCHEMBRI:** Ninforma lill-Onorevoli Interpellanti li ka¿ijiet pendenti ta' residenti fil-plots tal-Home Ownership Schemes jinstabu hekk kif muri fit-tabella.

| **Locality** | **Outstanding Plots** |
|---|---|
| Ħad Dingli | 48 |
| Fgura | 1 |
| Ħal Kirkop | 20 |
| Gudja | 7 |
| Marsa | 5 |
| Mgarr | 46 |
| Mosta | 40 |
| Msida | 13 |
| Mqabba | 12 |
| Naxxar | 1 |
| Qrendi | 18 |
| Rabat Għawdex | 2 |
| San Ġwann | 4 |
| Siggiewi | 6 |
| **Total** | 223 |

Seduta 46
08/11/2022

**WIED IS-SEWDA - TINDIF**

**3371. L-ONOR. CARMELO MIFSUD BONNICI** staqsa lill- Ministru għax-Xogħlijiet Pubbliċi u l-Ippjanar: Jista' l-Ministru jara hux possibbli li l-ambjent ta' dak li huwa msemmi bħala Wied is-Sewda jiġi mnaddaf aħjar billi mhuwiex miżmum sewwa?

25/10/2022

**ONOR. STEFAN ZRINZO AZZOPARDI:** Nitlob lill-Onorevoli Interpellant biex jindirizza din il-mistoqsija lill-Ministeru konċernat.

Seduta 46
08/11/2022

**SKEJJEL SEKONDARJI – STUDENTI LI QED JISTUDJAW IL-LINGWA TALJANA**

**3372. L-ONOR. CARMELO MIFSUD BONNICI** staqsa lill- Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jindika kemm hemm studenti li huma reġistrati fl-iskejjel sekondarji ta' pajjiżna li qed jistudjaw il-lingwa Taljana tul din is-sena akkademika? Jista' jindika f'liema sena?

25/10/2022

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li b'kollox hemm 3,592 student li qed jistudjaw il-lingwa Taljana fl-iskejjel Sekondarji tal-Istat skond it-tabella t'hawn taħt;

| Year 9 | Year 10 | Year 11 | Total ta' studenti |
|---|---|---|---|
| 1284 | 1228 | 1080 | 3592 |

Seduta 46
08/11/2022

**SKEJJEL SEKONDARJI – STUDENTI LI QED JISTUDJAW IL-LINGWA FRANĊIŻA**

**3373. L-ONOR. CARMELO MIFSUD BONNICI** staqsa lill- Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jindika kemm hemm studenti li huma reġistrati fl-iskejjel sekondarji ta' pajjiżna li qed jistudjaw il-lingwa Franċiża tul din is-sena akkademika? Jista' jindika f'liema sena?

25/10/2022

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li b'kollox hemm 1,053 student li qed jistudjaw il-lingwa Franċiża fl-iskejjel Sekondarji tal-Istat skond it-tabella t'hawn taħt;

| Year 9 | Year 10 | Year 11 | Total ta' studenti |
|---|---|---|---|
| 364 | 343 | 346 | 1053 |

Seduta 46
08/11/2022

**SKEJJEL SEKONDARJI – STUDENTI LI QED JISTUDJAW IL-LINGWA TEDESKA**

**3374. L-ONOR. CARMELO MIFSUD BONNICI** staqsa lill- Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jindika kemm hemm studenti li huma reġistrati fl-iskejjel sekondarji ta' pajjiżna li qed jistudjaw il-lingwa Tedeska tul din is-sena akkademika? Jista' jindika f'liema sena?

25/10/2022

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li b'kollox hemm 858 student li qed jistudjaw il-lingwa Ġermaniża fl-iskejjel Sekondarji tal-Istat skond it-tabella t'hawn taħt;

| Year 9 | Year 10 | Year 11 | Total ta' studenti |
|---|---|---|---|
| 266 | 349 | 243 | 858 |

Seduta 46
08/11/2022

**SKEJJEL SEKONDARJI – STUDENTI LI QED JISTUDJAW IL-LINGWA SPANJOLA**

**3375. L-ONOR. CARMELO MIFSUD BONNICI** staqsa lill- Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jindika kemm hemm studenti li huma reġistrati fl-iskejjel sekondarji ta' pajjiżna li qed jistudjaw il-lingwa Spanjola tul din is-sena akkademika? Jista' jindika f'liema sena?

25/10/2022

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li b'kollox hemm 1,455 student li qed jistudjaw il-lingwa Spanjola fl-iskejjel Sekondarji tal-Istat skond it-tabella t'hawn taħt;

| Year 9 | Year 10 | Year 11 | Total ta' studenti |
|---|---|---|---|
| 518 | 479 | 458 | 1455 |

Seduta 46
08/11/2022

**SKEJJEL SEKONDARJI – STUDENTI LI QED JISTUDJAW IL-LINGWA GRIEGA U L-LATIN**

**3376. L-ONOR. CARMELO MIFSUD BONNICI** staqsa lill- Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jindika kemm hemm studenti li huma reġistrati fl-iskejjel sekondarji ta' pajjiżna li qed jistudjaw il-lingwa Griega kif ukoll il-Latin tul din is-sena akkademika? Jista' jindika f'liema sena?

25/10/2022

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li ż-żewġ lingwi msemmija ma jiġux mgħallma fl-iskejjel tal-Istat.

Seduta 46
08/11/2022

**NAXXAR – TRIQ LELI FALZON - XOGĦLIJIET**

**3387. L-ONOR. CLAUDETTE BUTTIGIEG** staqsiet lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali: Peress li fl-2019, fi tweġiba għall-mistoqsija parlamentari 11570, tat-Tlettax-il Leġiżlatura, il-Ministru tal-Infrastruttura ta' dak iż-żmien kien wiegħed li se jsir xogħol fi Triq Leli Falzon, fin-Naxxar, għaldaqstant jista' l-Ministru jgħid għalfejn għadu ma sar l-ebda xogħol f'din it-triq? Meta se jibda x-xogħol u fiex jikkonsisti?

25/10/2022

**ONOR. AARON FARRUGIA:** Ninforma lill-Onorevoli Interpellant li fil-lokalità tan-Naxxar, Infrastructure Malta diġà bniet mill-ġdid u għamlet xogħlijiet fi Triq il-Kappella ta' San Mikiel, Triq ix-Xbieki, Triq John Adye, Triq San Franġisk t'Assisi, Triq San Pawl, fit-Telgħa ta' Alla u Ommu, Triq Wied Filep, Triq il-Forġa, Triq Ħannewija, Triq Francis Attard, Triq il-Fortizza tal-Mosta, Triq il-Mazza, triq bla isem fi Vjal il-Labour, Triq Ċipru, Triq Ġibiltà, Triq il-Libja, Triq il-Marokk, Triq Korfu, Triq l-Arġentina, Triq l-Ingilterra, Triq Ċili, Triq il-Brażil, Triq il-Mitħna, Triq Spanja, Triq il-Ġermanja, Triq il-Milizzja, Triq it-Tuffieħ, Triq l-Irziezet, Triq l-Oqbra ta' Ħawwat, Triq il-Kappella ta' Santa Marija, Tal-Qadi, Triq Santa Fawstina ta' Kowalska, Triq Tal-Balal, roundabout junction ġdida fi Vjal il-Labour, titjib fir-roundabout junction bejn Triq il-Parroċċa u Triq San Pawl, Triq iċ-Ċirasa, Triq il-Berquq, Triq il-Ġellewż u Triq is-Sgħajtar. Sar ukoll titjib kbir fit-toroq ewlenin tal-inħawi bejn iċ-ċimiterju ta' Ħal Lija, l-Iklin u n-Naxxar, filwaqt li nbena parkeġġ ġdid ħdejn ir-Riserva Naturali tas-Salina.

Bħalissa qegħdin isiru xogħlijiet fi Triq Margaret Murray, Triq Andrea Debono, Triq Jean Houel u Triq l-Emigranti.

Ix-xogħlijiet biex tinbena mill-ġdid Triq Leli Falzon u jinbidlu s-servizzi taħt l-art skont il-ħtieġa qed ikunu ppjanati biex jibdew fix-xhur li ġejjin. Minħabba diversi xogħlijiet oħrajn li saru fl-inħawi, fosthom dawk tar-roundabout junction ġdida fi Vjal il-Labour, din it-triq kien meħtieġ li tintuża bħala rotta alternattiva u għalhekk ma setgħux jinbdew xogħlijiet fiha wkoll fl-istess żmien.

Seduta 46
08/11/2022

**ROLL OUT TAL-CONSTANT GLUCOSE MONITORS**

**3388. L-ONOR. CLAUDETTE BUTTIGIEG** staqsiet lill- Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: B'referenza għall-mistoqsija parlamentari 19, jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jgħid jekk is-servizz tal-Constant Glucose Monitors hux se jiġi estiż għall-persuni ta' bejn it-22 u l-35 sena sal-aħħar tas-sena 2022? Jekk iva, sa meta? Jekk le, għalfejn?

25/10/2022

**ONOR. CHRIS FEARNE:** Ninforma lill-Onorevoli Interpellant illi l-estenzjoni gradwali tas-servizz tal-*Continuous Glucose Monitors* ser ikompli matul din is-sena, u jkompli s-sena d-dieħla.

Seduta 46
08/11/2022

**SIĠĠIEWI – TRIQ FERDINAND HOMPESCH – TINDIF**

**3519. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA** staqsa lill- Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: Jista' l-Ministru jara hux possibbli li Triq Ferdinand Hompesch, fis-Siġġiewi, ikollha tindif iktar regolari matul il-ġimgħa?

28/10/2022

**ONOR. OWEN BONNICI:** Ninsab infurmat mill-Kunsill Lokali tas-Siġġiewi li bħalissa l-Kunsill qiegħed fil-fażi ta' evalwazzjoni għat-tender tal-knis.

Infurmat ukoll illi l-knis tat-toroq isir bi skeda u l-Kunsill Lokali huwa kommess li jara li din l-iskeda tiġi rispettata.

Seduta 46
08/11/2022

**SIĠĠIEWI – TRIQ IL-ĦSAD – TINDIF**

**3520. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA** staqsa lill- Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: Jista' l-Ministru jara hux possibbli li Triq il-Ħsad, fis-Siġġiewi, ikollha tindif iktar regolari matul il-ġimgħa?

28/10/2022

**ONOR. OWEN BONNICI:** Ninsab infurmat mill-Kunsill Lokali tas-Siġġiewi li bħalissa l-Kunsill qiegħed fil-fażi ta' evalwazzjoni għat-tender tal-knis.

Infurmat ukoll illi l-knis tat-toroq isir bi skeda u l-Kunsill Lokali huwa kommess li jara li din l-iskeda tiġi rispettata.

Seduta 46
08/11/2022

**ROTTA 238**

**3532. L-ONOR. REBEKAH BORG** staqsiet lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali: Jista' l-Ministru jagħti raġuni għan-nuqqas ta' konsistenza fis-servizz tar-rotta 238, li qiegħed jaffettwa ħażin b'mod partikolari lir-residenti tal-Imġarr (Malta) li kull filgħodu jkunu jridu jirkbu fid-direzzjoni lejn l-Isptar Mater Dei u l-Università, speċjalment fl-aħħar ġimgħat fejn numru ta' residenti lmentaw li f'istanzi l-karozzi tal-linja tgħaddi tard, jew saħansitra ma tiġix? Jista' jinvestiga dawn l-ilmenti u jassigura titjib fis-servizz?

31/10/2022

**ONOR. AARON FARRUGIA:** Ninforma lill-Onorevoli Interpellant li minn eżerċizzju li għamlet Transport Malta, fejn giet analizzata l-informazzjoni miġbura permezz tal-GPS li hemm fuq kull karrozza tal-linja, bejn it-tnejn u għoxrin u t-tletin t' Ottubru 2022 fuq din ir-rotta jirriżulta li l-affidabilita medja kienet ta' kwazi 96%.

F'ċertu ħinijiet it-trasport pubbliku jiġi affetwat mit-traffiku li jkun hemm f'ċertu inħawi bil-konsegwenza li l-puntwalita tiġi affettwata.

Seduta 46
08/11/2022

**INTERCONNECTOR – INTERACTIVE MAP**

**3533. L-ONOR. REBEKAH BORG** staqsiet lill- Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u l-Intrapriża: Tista' l-Ministru tgħid għalfejn sal-ġurnata li ġiet sottomessa din il-mistoqsija parlamentari, l-interconnector bejn Malta u Sqallija ma kienx qiegħed jidher fuq il-mappa interattiva tal-Projects of Common Interest (PCI) Transparency Platform?

31/10/2022

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Infakkar lill-Onor. Interpellanta li l-mappa li qed tirreferi għaliha hija immirata għal proġetti li jkunu iffinanzjati speċifikament mill-fond Ewropew tal-Connecting Europe Facility, liema proġetti jissejħu bħala Proġetti ta' Interess Komuni.
L-interconnector ma kienx iffinanzjat minn dan il-fond u allura mhuwiex proġett ta' interess komuni għall-iskop tal-mappa interattiva. Huwa għal din ir-raġuni li l-interconnector ma jidhirx fuq din il-mappa.

Seduta 46
08/11/2022

**ETÀ LEGALI TAŻ-ŻWIEĠ**

**3534. L-ONOR. REBEKAH BORG** staqsiet lill- Ministru għall-Politika Soċjali u d-Drittijiet tat-Tfal: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 2863, jista' l-Ministru jgħid meta l-Gvern mistenni jikkonkludi l-evalwazzjoni tal-passi li jistgħu jittieħdu rigward reviżjoni fl-età legali taż-żwieġ?

31/10/2022

**ONOR. MICHAEL FALZON:** Nitlob lill-Onorevoli Interpellanta sabiex tirreferi għat tweġiba li ngħatat lill mistoqsija numru 2863

Seduta 46
08/11/2022

**DWANA – DIRETTUR ĠENERALI**

**3535. L-ONOR. REBEKAH BORG** staqsiet lill- Ministru għall-Finanzi u x-Xogħol: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 2861, jista' l-Ministru jgħid meta hu mistenni li jintemm il-proċess tal-għażla għad-Direttur Ġenerali (Dwana), u jgħid in-numru ta' applikazzjonijiet li daħlu għal din il-pożizzjoni? Mill-applikazzjonijiet kollha li daħlu, jista' l-Ministru jgħid kemm minn dawn, huma persuni li diġà jaħdmu fid-Dwana?

31/10/2022

**ONOR. CLYDE CARUANA:** Ninforma lill-Onorevoli Interpellanta illi l-proċess qiegħed fil-fazi konklussiva.

Seduta 46
08/11/2022

**RESIDENZA SAN VINĊENZ DE PAUL – KUNTRATT LIL KUMPANIJA**

**3550. L-ONOR. PAULA MIFSUD BONNICI** staqsiet lill- Ministru għall-Anzjanità Attiva: B’referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 3051, jista’ l-Ministru jgħid jekk il-kuntratt li ngħata lill-kumpanija li d-dettalji dwarha qed jingħataw separatament għal tliet xhur għadux fis-seħħ jew jekk huwiex ser jiġi estiż? Jekk ser ikun qed jiġi estiż, jista’ l-Ministru jgħid għal kemm ser jiġi estiż u jekk huwiex qed jinħareġ tender marbut ma’ dan is-servizz ta’ sigurtà fir-Residenza San Vinċenz de Paul?

31/10/2022

**ONOR. JO ETIENNE ABELA:** Ninforma lill-Onorevoli Interpellanta li l- kuntratt ta’ tlett xhur waqaf, u beda wieħed ġdid ta’ xahrejn, sakemm jinħareg it-tender marbut ma’ dan is-servizz.

Seduta 46
08/11/2022

**RESIDENZA SAN VINĊENZ DE PAUL – KUNTRATT TAS-SERVIZZ TAL-IKEL**

**3551. L-ONOR. PAULA MIFSUD BONNICI** staqsiet lill- Ministru għall-Anzjanità Attiva: B’referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 3051, peress li l-lista li tpoġġiet fuq il-Mejda tal-Kamra dwar kuntratti eżistenti ta’ servizzi li jingħataw fir-Residenza San Vinċenz de Paul ma tinkludix is-servizz tal-provvista tal-ikel, jista’ l-Ministru jagħti dettalji dwar dan il-kuntratt? Jista’ jgħid min huwa l-kuntrattur li qed jagħti dan is-servizz, għal kemm żmien ingħata dan il-kuntratt u x’inhu l-valur tiegħu? Jista’ jpoġġi fuq il-Mejda tal-Kamra kopja ta’ dan il-kuntratt kif ukoll tal-kundizzjonijiet u l-istandards kollha li kienu stipulati fit-tender għal dan il-provvediment tal-ikel fir-Residenza San Vinċenz de Paul?

31/10/2022

**ONOR. JO ETIENNE ABELA:** Ninforma lill-Onorevoli Interpellanta li l-kuntrattur li qed jagħti dan is-servizz, fost sensiela ta’servizzi oħrajn, huwa *JCL and MHC Consortium*. Is-servizzi kollha inklużi b’mod dettajat fit-tender, li ser titpoġġa fuq il-Mejda tal-Kamra, huma disponibbli biex jintużaw għall-benefiċċju tar-residenti. Il-Kuntratt huwa validu għal għaxar snin u l-valur tiegħu jammonta għall- €5.7 miljun fis-sena.

Seduta 46
08/11/2022

**DIPARTIMENT TAL-ARTIJIET – SKEMA GĦALL-FIDI TA’ ĊENS TEMPORANJU**

**3556. L-ONOR. REBEKAH BORG** staqsiet lill- Ministru għall-Ekonomija, il-Fondi Ewropej u l-Artijiet: Jista’ l-Ministru jgħid jekk hemmx ħsieb li tiftaħ skema biex ikun jista’ jiġi mifdi ċens temporanju ta’ postijiet mhux residenzjali (mhux dawk kummerċjali)?

31/10/2022

**ONOR. SILVIO SCHEMBRI:** Ninforma lill-Onorevoli Interpellant li l-iskema qed tkun ikkunsidrata u qed isiru l-istudji neċessarji.

Seduta 46
08/11/2022

**SPTAR MATER DEI U ĊENTRI TAS-SAĦĦA – SERVIZZ TA' AMBULANZI**

**3566. L-ONOR. MARK ANTHONY SAMMUT** staqsa lill- Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jgħid jekk is-servizz ta' ambulanzi miċ-Ċentri tas-Saħħa ta' Raħal Ġdid u tal-Mosta hux jopera b'mod normali? Jista' jpoġġi fuq il-Mejda tal-Kamra tabella li turi kemm-il vjaġġ sar lejn kull lokalità mill-ambulanzi tal-Isptar Mater Dei, u mill-ambulanzi minn kull wieħed minn dawn iċ-Ċentri, sena b'sena mill-2017 sal-lum?

01/11/2022

**ONOR. CHRIS FEARNE:** Nirreferi lill-Onorevoli Interpellant għat-tabella hawn taħt mehmuza, waqt li nfakkar lill Onorevoli Interpellant illi is-servizz tal-ambulanza minn Paola reġa' ġie introdott wara li kien twaqqaf mill-amministrazzjoni tal-PN

| Year | North Region | Central Region | South Region | Yearly Totals |
|---|---|---|---|---|
| **2017** | 8,644 | 19,157 | 10,458 | 38,259 |
| **2018** | 9,044 | 19,582 | 11,424 | 40,050 |
| **2019** | 9,849 | 19,239 | 12,471 | 41,559 |
| **2020** | 15,565 | 14,630 | 17,218 | 47,413 |
| **2021** | 16,690 | 14,300 | 17,826 | 48,816 |
| **2022*** | 15,721 | 12,687 | 16,863 | 45,271 |

Id-data tas-sena 2022 tinkludi biss minn Jannar sa Ottubru.

Seduta 46
08/11/2022

**ADVISORY COST LIMIT GĦAL ĠBIR TA' INFORMAZZJONI**

**3567. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA** staqsa lill- Ministru għall-Agrikoltura, is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 3195, jista' l-Ministru jgħid x'inhu l-advisory cost limit biex tinġabar l-informazzjoni kif mitluba f'din il-mistoqsija parlamentari?

01/11/2022

**ONOR. ANTON REFALO:** Nitlob lill-Onorevoli interpellant biex jirreferi għall-Mistoqsija Parlamentari numru 18788 tal-Leġiżlatura XIII.

Seduta 46
08/11/2022

**ADVISORY COST LIMIT GĦAL ĠBIR TA' INFORMAZZJONI**

**3568. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA** staqsa lill- Ministru għall-Agrikoltura, is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 3196, jista' l-Ministru jgħid x'inhu l-advisory cost limit biex tinġabar l-informazzjoni kif mitluba f'din il-mistoqsija parlamentari?

01/11/2022

**ONOR. ANTON REFALO:** Nitlob lill-Onorevoli interpellant biex jirreferi għall-Mistoqsija Parlamentari numru 18788 tal-Leġiżlatura XIII.

Seduta 46
08/11/2022

**ATTIVITÀ QUDDIEM IL-BERĠA TA' KASTILJA – RENDIKONT TAL-ISPEJJEŻ**

**3569. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA** staqsa lill- Uffiċċju tal-Prim Ministru: Jista' l-Prim Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 3441 u jagħti rendikont totali tal-ispiża għall-attività li saret quddiem Kastilja wara d-Diskors tal-Baġit nhar it-Tnejn 24 ta' Ottubru?

01/11/2022

**ONOR. ROBERT ABELA:** Ninsab nfurmat li wara li nġabru tliet stimi f'kull każ, il-kumpaniji li ntagħżlu biex jipprovdu s-servizzi waqt il-konferenza tal-aħbarijiet b'rabta mal-Baġit 2023 nhar it-Tnejn 24 ta' Ottubru 2022 kienu Que Sound Ltd (€6,037), iCan Ltd (€5,300) u Nexos Ltd (€3,000).

Seduta 46
08/11/2022

**MINISTERU GĦALL-POLITIKA SOĊJALI U D-DRITTIJIET TAT-TFAL – DIKJARAZZJONI TAL-ASSI GĦAS-SENA 2016**

**3575. L-ONOR. KAROL AQUILINA** staqsa lill- Ministru għall-Politika Soċjali u d-Drittijiet tat-Tfal: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 3321u jqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra kopja tad-dikjarazzjoni tal-assi tiegħu għas-sena 2016?

01/11/2022

**ONOR. MICHAEL FALZON:** Nitlob lill-Onorevoli Interpellant sabiex jirreferi għat tweġiba li ngħatat lill mistoqsija numru 3571

Seduta 46
08/11/2022

**MINISTERU GĦALL-AGRIKOLTURA, IS-SAJD U D-DRITTIJIET TAL-ANNIMALI – DIKJARAZZJONI TAL-ASSI GĦAS-SENA 2016**

**3576. L-ONOR. KAROL AQUILINA** staqsa lill- Ministru għall-Agrikoltura, is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 3322 u jqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra kopja tad-dikjarazzjoni tal-assi tiegħu għas-sena 2016?

01/11/2022

**ONOR. ANTON REFALO:** Nirreferi lill-Onorevoli Interpellant għall-mistoqsijaParlamentari3571.

Seduta 46
08/11/2022

**MINISTERU GĦALL-AKKOMODAZZJONI SOĊJALI U AFFORDABBLI – DIKJARAZZJONI TAL-ASSI GĦAS-SENA 2016**

**3593. L-ONOR. KAROL AQUILINA** staqsa lill- Ministru għall-Akkomodazzjoni Soċjali u Affordabbli: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 3323 u jpoġġi fuq il-Mejda tal-Kamra kopja tad-dikjarazzjoni tal-assi tiegħu għas-sena 2016?

02/11/2022

**ONOR. RODERICK GALDES:** Nirreferi lill-Onor. Interpellant għat-tweġiba tal-PQ 3571.

Seduta 46
08/11/2022

**TRANSPORT MALTA – ŻIEDA TA' ENFORCEMENT OFFICERS**

**3600. L-ONOR. EVE BORG BONELLO** staqsiet lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali: Jista' l-Ministru jgħid kemm żdiedu enforcement officers ma' Transport Malta dawn l-aħħar ħames snin, sena b'sena?

02/11/2022

**ONOR. AARON FARRUGIA:** Ninforma lill-Onorevoli Interpellant li t-tagħrif għadu qed jinġabar.

Seduta 46
08/11/2022

**SAN ĠILJAN, TAS-SLIEMA U GŻIRA – POSTIJIET TA' PARKEĠĠ GĦALL-ISCOOTERS**

**3601. L-ONOR. EVE BORG BONELLO** staqsiet lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali: Jista' l-Ministru jgħid jekk hemmx pjanijiet biex jinħolqu postijiet ta' parkeġġ għall-e-scooters f'San Ġiljan, tas-Sliema u l-Gżira?

02/11/2022

**ONOR. AARON FARRUGIA:** Ninforma lill-Onorevoli Interpellant illi avolja Transport Malta bħalissa m'għandiex talbiet pendenti fir-rigward ta' parking ta' e-scooters, bhalissa għaddejja riforma sħiħa fuq l-istess suġġett. Il-Ministeru flimkien mal-Awtorita tat-Trasport kif ukoll l-Assoċjazzjoni tal-kunsill Lokali qegħdin iħarsu lejn pjan ħolistiku biex issir riforma sħiħa għall-parkeġġ tal-e-scooters.

Seduta 46
08/11/2022

**SAN ĠILJAN – INFORMATION POINT GĦAT-TURISTI**

**3602. L-ONOR. EVE BORG BONELLO** staqsiet lill- Ministru għat-Turiżmu: Jista' l-Ministru jgħid jekk hemmx xi pjan biex tinfetaħ information point għat-turisti f'San Ġiljan?

02/11/2022

**ONOR. CLAYTON BARTOLO:** Ninforma lill-Onorevoli Interpellanta li l-Awtorita' Maltija għat-Turiżmu qegħda taħdem ma' entitajiet oħra sabiex tittieħed deċiżjoni rigward il-ftuħ ta' ufficċju ta' informazzjoni għat-turisti li jkopri ż-żona turistika minn San Ġiljan sa Tas-Sliema. Infakkarha li kwalunkwe informazzjoni tista' tiġi pprovduta wkoll b'mezzi diġitali.

Seduta 46
08/11/2022

**IL-BALLUTA – TNEĦĦIJA TA' SIĠAR U SAPLINGS**

**3603. L-ONOR. EVE BORG BONELLO** staqsiet lill- Ministru għall-Ekonomija, il-Fondi Ewropej u l-Artijiet: Jista' l-Ministru jispjega għalfejn fil-Balluta tneħħew is-siġar u s-saplings minn fuq il-promenade u minflok tpoġġa turf sintetiku?

02/11/2022

**ONOR. SILVIO SCHEMBRI:** Ninforma lill-Onorevoli Interpellant sabiex jirreferi din il-mistoqsija lill-Ministru kkonċernat.

Seduta 46
08/11/2022

**SAN ĠILJAN – ŻIEDA FL-ATTI KRIMINALI**

**3604. L-ONOR. EVE BORG BONELLO** staqsiet lill- Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza: Jista' l-Ministru jgħid kemm żdiedu atti kriminali sena b'sena dawn l-aħħar ħames snin f'San Ġiljan?

02/11/2022

**ONOR. BRYON CAMILLERI:** Infurmat illi n-numru ta' reati kriminali irreġistrati f'San Ġiljan fis-sistema tal-Pulizija, mis-sena 2017 sal-aħħar ta' Settembru 2022, kienu kif jidher fit-tabella ta' hawn taħt. Fit-tabella jidher tnaqqis konsiderevoli fl-ammonti ta' reati rrapurtati fil-perjodu indikat u speċjalment il-figuri annwali, ikkomparati mal-ewwel sena ta' dan il-perjodu.

| **San Ġiljan** | **2017** | **2018** | **2019** | **2020** | **2021** | **Upto 30/09/2022** |
|---|---|---|---|---|---|---|
| ABUSE OF PUBLIC AUTHORITY | 0 | 0 | 0 | 1 | 0 | 0 |
| ARSON | 1 | 2 | 1 | 2 | 0 | 1 |
| ATTEMPTED OFFENCES | 39 | 29 | 20 | 14 | 19 | 10 |
| BODILY HARM | 109 | 106 | 135 | 67 | 67 | 70 |
| BREACH OF BAIL CONDITIONS | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 1 |
| COMPUTER MISUSE | 10 | 8 | 8 | 10 | 15 | 9 |
| CRIMES AGAINST PUBLIC PEACE | 0 | 0 | 0 | 2 | 1 | 0 |
| DAMAGE | 200 | 198 | 205 | 125 | 131 | 128 |
| DOMESTIC VIOLENCE | 24 | 24 | 25 | 24 | 23 | 29 |
| DRUGS | 29 | 53 | 23 | 14 | 27 | 12 |
| FORGERY | 6 | 4 | 7 | 2 | 1 | 2 |
| FRAUD | 83 | 55 | 50 | 39 | 74 | 50 |
| GENDER BASED VIOLENCE | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 1 |
| HOMICIDE | 0 | 1 | 0 | 0 | 0 | 0 |
| IMMIGRATION | 2 | 1 | 0 | 0 | 0 | 0 |
| MONEY LAUNDERING | 4 | 2 | 0 | 0 | 2 | 1 |

| | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| PERJURY AND FALSE SWEARING | 0 | 1 | 1 | 0 | 0 | 0 |
| PRETENDED RIGHTS | 5 | 6 | 5 | 4 | 2 | 6 |
| PROSTITUTION | 0 | 0 | 0 | 0 | 1 | 0 |
| SEXUAL OFFENCE | 14 | 16 | 21 | 4 | 18 | 13 |
| THEFT | 1244 | 942 | 890 | 394 | 470 | 435 |
| THREATS AND PRIVATE VIOLENCE | 5 | 15 | 5 | 12 | 16 | 9 |
| TRAFFICKING OF PERSONS | 1 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 |
| UNAUTHORIZED ACC IN REST AREA | 0 | 0 | 0 | 0 | 2 | 0 |
| VIOLENCE AGAINST PUB OFFICER | 34 | 30 | 30 | 25 | 23 | 16 |
| **Grand Total** | **1810** | **1493** | **1426** | **739** | **892** | **793** |

Seduta 46
08/11/2022

**TAS-SLIEMA – ŻIEDA FL-ATTI KRIMINALI**

**3605. L-ONOR. EVE BORG BONELLO** staqsiet lill- Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza: Jista' l-Ministru jgħid kemm żdiedu atti kriminali sena b'sena dawn l-aħħar ħames snin f'Tas-Sliema?

02/11/2022

**ONOR. BRYON CAMILLERI:** Infurmat illi n-numru ta' reati kriminali rreġistrati ġewwa tas-Sliema fis-sistema tal-Pulizija, mis-sena 2017 sal-aħħar ta' Settembru 2022, huma kif jidher fit-tabella ta' hawn taħt. It-tnaqqis konsiderevoli fl-ammonti ta' reati rrapurtati kull sena, mill-bidu tal-perjodu indikat mill-Onorevoli Membru, huwa visibli mill-istess tabella.

| **Sliema** | **2017** | **2018** | **2019** | **2020** | **2021** | **Upto 30/09/2022** |
|---|---|---|---|---|---|---|
| ABANDON OF CHILD | 0 | 0 | 0 | 1 | 0 | 0 |
| ABUSE OF PUBLIC AUTHORITY | 0 | 0 | 0 | 0 | 1 | 0 |
| ARSON | 1 | 0 | 0 | 0 | 2 | 0 |
| ATTEMPTED OFFENCES | 24 | 30 | 30 | 11 | 11 | 6 |
| BODILY HARM | 34 | 38 | 37 | 42 | 36 | 32 |
| COMPUTER MISUSE | 3 | 7 | 8 | 17 | 14 | 11 |
| CRIMES AGAINST PUBLIC PEACE | 0 | 0 | 1 | 0 | 0 | 0 |
| CRIMES VS ADMIN OF JUSTICE ETC | 0 | 1 | 0 | 0 | 4 | 0 |
| DAMAGE | 195 | 177 | 254 | 215 | 172 | 123 |
| DOMESTIC VIOLENCE | 31 | 26 | 28 | 36 | 37 | 22 |
| DRUGS | 1 | 4 | 1 | 1 | 9 | 2 |

| | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| FORGERY | 0 | 2 | 2 | 2 | 3 | 1 |
| FRAUD | 63 | 60 | 47 | 40 | 100 | 53 |
| HOMICIDE | 0 | 0 | 0 | 1 | 0 | 1 |
| IMMIGRATION | 2 | 0 | 0 | 0 | 2 | 0 |
| MONEY LAUNDERING | 1 | 2 | 0 | 2 | 0 | 1 |
| PERJURY AND FALSE SWEARING | 0 | 1 | 0 | 0 | 0 | 0 |
| PORNOGRAPHY | 0 | 0 | 1 | 0 | 0 | 1 |
| PRETENDED RIGHTS | 3 | 5 | 9 | 8 | 11 | 10 |
| SEXUAL OFFENCE | 10 | 8 | 4 | 7 | 7 | 10 |
| THEFT | 993 | 518 | 420 | 248 | 216 | 191 |
| THREATS AND PRIVATE VIOLENCE | 17 | 22 | 9 | 15 | 21 | 24 |
| TRAFFICKING OF PERSONS | 0 | 1 | 0 | 0 | 0 | 0 |
| VIOLENCE AGAINST PUB OFFICER | 5 | 3 | 4 | 7 | 2 | 4 |
| **Grand Total** | **1383** | **905** | **855** | **653** | **648** | **492** |

Seduta 46
08/11/2022

**MIŻURA TA' €300 LILL-ĠENITURI LI JIBAGĦTU LIL ULIEDHOM GĦALL-ATTIVITAJIET SPORTIVI, ARTISTIĊI JEW KULTURALI**

**3622. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA** staqsa lill- Ministru għall-Finanzi u x-Xogħol: Jista' l-Ministru jgħid jekk il-miżura ta' €300 fis-sena għall-ġenituri li jibagħtu lil uliedhom għal attivitajiet sportivi, artistiċi jew kulturali hix se tkun għal kull wild?

02/11/2022

**ONOR. CLYDE CARUANA:** Ninforma lill-Onorevoli Interpellant li dettalji dwar mizuri speċifiċi tal-budget ikunu stabbiliti permezz tal-att dwar l-implimentazzjoni tal-mizuri tal-budget, hekk kif approvat mill-Parlament. Il-mizura li ssir referenza għaliha tirrigwarda provvediment li bħalissa japplika kif ġej, għal kull wild:
(i) sa massimu ta' €100 tnaqqis mid-dħul taxxabbli għar-rigward ta' spejjez konnessi ma' attivitajiet sportivi (Art 14E tal-ITA), u
(ii) sa massimu ta' €100 tnaqqis mid-dħul taxxabbli għar-rigward ta' spejjez konnessi ma' attivitajiet artistiċi jew kulturali (Art 14G tal-ITA).

Seduta 46
08/11/2022

**GĦAWDEX – BEREĠ TAS-SAĦĦA**

**3628. L-ONOR. CHRIS SAID** staqsa lill- Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jgħid kemm hemm Bereġ tas-Saħħa f'Għawdex li fil-mument qed jiffunzjonaw? Kemm ħin fil-ġimgħa qed tinfetaħ għall-pubbliku kull waħda minn dawn il-bereġ? X'servizzi qed jiġu offruti fil-mument minn dawn il-bereġ u kemm hemm ippjanati li jerġgħu jinfetħu bereġ fl-irħula f'Għawdex fil-ġimgħat li ġejjin?

02/11/2022

**ONOR. CHRIS FEARNE:** Ninforma lill-Onorevoli Interpellant illi qed impoggi fuq il-mejda tal-kamra lista bl-informazzjoni li talabni, waqt li ninformaħ illi fl-2023 hemm ippjanat li jiftah ċentru kommunitarju għas-Saħħa fil-Qala kif ukoll ċentru għas-saħħa fir-Rabat

Seduta 46
08/11/2022

**MAGĦTAB - WASTE-TO-ENERGY PLANT - KUMPANIJI/PERSUNI**

**3629. L-ONOR. CHRIS SAID** staqsa lill- Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u l-Intrapriża: Tista' l-Ministru twieġeb il-mistoqsija parlamentari 3175 kollha kemm hi (intera) u tgħid minn min huma fformati kull wieħed mill-ħames konsorzja (isem il-kumpaniji/persuni) li ġew short-listed rigward il-proġett 'to design, build and operate a waste-to-energy plant in Magħtab'?

02/11/2022

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Qiegħda npoġġi fuq il-Mejda tal-Kamra dettalji mitluba.

Seduta 46
08/11/2022

**GĦAWDEX – TA’ XĦAJMA – STALEL TAŻ-ŻWIEMEL**

**3630. L-ONOR. CHRIS SAID** staqsa lill- Ministru għal Għawdex: Jista’ l-Ministru jinforma lill-Kamra u jispjega x' inhuma r-raġunijiet għala f'dawn l-aħħar ġranet twaqqgħu numru ta' stalel taż-żwiemel fil-korsa taż-żwiemel f'Ta’ Xħajma, li sa ġurnata qabel twaqqgħu kienu għadhom qed jintużaw mis-sidien taż-żwiemel biex fihom ipoġġu ż-żwiemel tagħhom qabel u wara t-tiġrijiet? Jista' jgħid dan ix-xogħol kienx kopert bil-permessi tal-Awtorità tal-Ippjanar u jekk iva, iqiegħed kopja tal-permessi fuq il-Mejda tal-Kamra? Jista' jgħid min għamel dan ix-xogħol u kemm ġie jiswa?

02/11/2022

**ONOR. CLINT CAMILLERI:** Ninforma lill-Onorevoli Interpellant li kif ġejna nfurmati bil-qagħda perikoluża ta’ numru ta’ stalel, dan il-Ministeru għalaq l-istess stalel fejn sussegwentament flimkien mal-Awtorita’ tal-Artijiet saret il-manutenzjoni meħtieġa fuq numru ta’ stalel, filwaqt li wħud li kienu diġa’ qed jikkrollaw b’perikolu mminenti, dan il-periklu ġie mneħħi.

Ma ġiet mibnija ebda struttura ġdida għaldaqstant sa issa m’hemm ebda applikazzjoni mal-Awtorita’ tal-Ippjanar.

Seduta 46
08/11/2022

**KUNSILL LOKALI GĦAWDXIN – GĦAJNUNA GĦALL-PEDESTRIAN FRIENDLY ROADS**

**3631. L-ONOR. CHRIS SAID** staqsa lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali: Peress li Infrastructure Malta taqa’ taħt ir-responsabilità tal-Ministeru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali, jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 3173 u jgħid jekk il-Kunsilli Lokali Għawdxin humiex se jingħataw għajnuna minn Infrastructure Malta bħalma se jingħataw kunsilli lokali f'Malta jekk jidentifikaw toroq fil-lokalitajiet tagħhom li jistgħu jkunu 'pedestrian-friendly roads'?

02/11/2022

**ONOR. AARON FARRUGIA:** Ninforma lill-Onorevoli Interpellant li Infrastructure Malta toffri sapport lill-Ministeru għal Għawdex skond u meta mitluba tagħmel hekk.

Seduta 46
08/11/2022

**FANAL TAL-ĠORDAN - RESTAWR**

**3632. L-ONOR. CHRIS SAID** staqsa lill- Ministru għal Għawdex: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 21534, tal-leġiżlatura preċedenti, li ngħatat fit-22 ta' Ġunju 2021, fejn ġie mwieġeb li "r-restawr tal-Fanal tal-Ġordan tlesta f'April u l-ħaddiema tal-Ministeru għal Għawdex qed jagħlqu xogħlijiet minuri wara li ħarġu l-aħħar kuntratturi", jista' l-Ministru jinforma lill-Kamra u jgħid jekk ix-xogħol ta' restawr tal-Fanal tal-Ġordan tlestiex kollu u jekk iva, f'liema xahar u sena tlesta? Jista' jgħid min hu responsabbli u min se jkun responsabbli mill-immaniġġar tal-Fanal tal-Ġordan?

02/11/2022

**ONOR. CLINT CAMILLERI:** Ninforma lill-Onorevoli Interpellant li x-xogħol fuq ir-restawr tal-Fanal tal-Ġurdan tlesta mill-ħaddiema tal-Ministeru għal Għawdex. Il-Ministeru ghal Ghawdex u Transport Malta qed jikkonkludu abbozz ta' ftehim bil-kundizzjonijiet/responsabbiltajiet rispettivi għall-immaniġġjar tal-Fanal u li jikkunsidra wkoll il-ħidma starteġika ta' entitajiet oħra (AFM u l-Universita') mill-Fanal. Dan biex il-binja storika tkun imħarsa u miżmuma tajjeb, kif jixraq lill-post storiku.

Seduta 46
08/11/2022

**RABAT, GĦAWDEX – TRIQ SAN ĠUŻEPP LABRè – BARRIERS U TAPE TAL-PULIZIJA MAS-SIĠAR**

**3633. L-ONOR. CHRIS SAID** staqsa lill- Ministru għal Għawdex: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 22600, tal-leġiżlatura preċedenti, li ngħatat fid-9 ta' Novembru, 2021 dwar ir-raġunijiet għala fix-xhur li għaddew kien hemm il-barriers tal-pulizija u għad hemm it-tape tal-pulizija mdawwar mas-siġar u anke tpoġġew il-blokki tal-konkos f'parti mill-parking biswit Triq San Ġużepp Labrè fir-Rabat Għawdex minħabba raġunijiet ta' sigurtà pubblika minħabba struttura perikoluża, fejn kien ġie mwieġeb li: " ninformah li d-dipartimenti konċernati qed jaraw li din l-istruttura tissewwa mill-aktar fis possibbli", jista' l-Ministru jgħid x' inhuma r-raġunijiet għala għaddew iktar minn 11-il xahar u għadu ma sar xejn? Jista' jgħid jekk intbagħatx perit biex jispezzjona l-periklu li hemm? Jekk iva, jista' jqiegħed kopja tar-rapport fuq il-Mejda tal-Kamra?

02/11/2022

**ONOR. CLINT CAMILLERI:** Ninforma lill-Onorevoli Interpellant li l-informazzjoni mitluba ser tingħata f'xi seduta oħra.

Seduta 46
08/11/2022

**SPECIAL OLYMPICS – GĦAJNUNA LIL SPORTIVI B'DIŻABILITÀ**

**3640. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA** staqsiet lill- Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jagħti tagħrif dwar liema għajnuna speċifika, inkluż dik finanzjarja, tingħata lil dawk l-isportivi b'diżabilità (jew lill-ġenituri tagħhom) li jkunu qegħdin jippreparaw biex jieħdu sehem fl-Ispecial Olympics? Jista' jagħti tagħrif dwar liema għajnuna speċifika, inkluż dik finanzjarja, tingħata lil dawk l-isportivi b'diżabilità (jew lill-ġenituri tagħhom) li jkunu qegħdin jippreparaw biex jieħdu sehem fil-Paralympics?

02/11/2022

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Ninforma lill-Onor. Interpellanta li l-informazzjoni mitluba għadha qed tinġabar.

Seduta 46
08/11/2022

**INFERMIERA LI QAGĦDU GĦAL RESIT**

**3641. L-ONOR. ALEX BORG** staqsa lill- Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jgħid meta se jidħlu fid-dinja tax-xogħol dawk in-nurses li taw resit f'Settembru u rċevew ir-riżultat?

02/11/2022

**ONOR. CHRIS FEARNE:** Ninforma lill-Onorevoli Interpellant fil-ġranet li ġejjin ser jibda' l-ingaġġ ta' dawn in-nurses

Seduta 46
08/11/2022

**INFERMIERA LI QAGĦDU GĦAL RESIT**

**3642. L-ONOR. ALEX BORG** staqsa lill- Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jikkonferma meta se jidħlu fid-dinja tax-xogħol dawk in-nurses li taw resit f'Settembru u rċevew ir-riżultat?

02/11/2022

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li r-riżultati tal-istudenti li qagħdu għal resit diġà ġew ippubblikati. Għall-kumplament tal-mistoqsija nitolbu jirreferi lill-Ministru konċernat.

Seduta 46
08/11/2022

**GĦAQDIET VOLONTARJI - SKEMI/GĦOTJIET/GRANTS**

**3654. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA** staqsiet lill- Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 3525 u jinforma lill-Kamra liema kienu dawk l-iskemi/għotjiet/grants li ġew offruti lill-għaqdiet volontarji minn dan il-Ministeru għall-2021 u għall-2022, b'mod separat u għal kull sena? Kemm kien il-valur allokat (budgeted) għal kull waħda minn dawn l-iskemi b'mod separat għall-2021 u l-2022? Kemm kien il-valur li fil-fatt ġie allokat għal kull waħda minn dawn l-iskemi u lil liema għaqda ġie allokat? Għall-2023, jista' l-Ministru jinforma liema huma dawk l-iskemi/għotjiet/grants li hu ppjanat li jiġu offruti lill-għaqdiet volontarji minn dan il-Ministeru u kemm hu l-valur allokat (budgeted) għal kull waħda minn dawn l-iskemi?

03/11/2022

**ONOR. OWEN BONNICI:** It-taghrif ghadu qed jingabar.

Seduta 46
08/11/2022

**NAXXAR – DISABILITY HUB**

**3655. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA** staqsiet lill- Ministru għall-Inklużjoni, il-Volontarjat u d-Drittijiet tal-Konsumatur: Tista' l-Ministru twieġeb il-mistoqsija parlamentari 3528 u tagħti tagħrif dwar jekk id-disability hub fin-Naxxar, li suppost kellu jinfetaħ matul din is-sena, hux se jkun qed jinbena? Jekk iva, meta hu ppjanat li jitlesta x-xogħol fuq l-istess hub u meta hu mistenni li dan jibda jintuża? Jekk le, x'miżuri ħa jew se jieħu l-Gvern biex is-servizzi li kienu se jingħataw mill-istess hub xorta waħda jingħataw? Kemm kienu l-fondi allokati għal din il-binja fil-Baġit għal kull waħda mis-snin 2019, 2020, 2021, 2022 u 2023?

03/11/2022

**ONOR. JULIA FARRUGIA PORTELLI:** Ninforma l-onorevoli interpellant li kif kien rappurtat diversi drabi f'din il-kamra, dan l-proġett sab diversi intoppi, uħud ta' natura legali kif ukoll instabu diversi skavi arkeoloġiċi li kellhom impatt fuq l-andament tiegħu. Filwaqt li oriġinarjament dan l-proġett kellu jinvolvi l-użu ta' fondi Ewropej, minħabba r-raġunijiet msemmija aktar 'l fuq, dawn il-fondi ma baqgħux disponibbli. Id-dettalji fuq l-allokazzjoni tal-fondi sena b'sena huma ppubblikati fl-estimi finanzjarji.
L-impenn tal-Gvern li jkompli jinvesti fil-kwalità tal-ħajja ta' persuni b'diżabiltà huwa wieħed qawwi u kontinwu. Dan jixhduh id-diversi inizjattivi bla preċedent li ġew varati matul is-snin inkluż fil-Budget hekk kif ppreżentat għas-sena 2023.
Bl-istess impenn, il-Gvern ser jibqa' kommess li jwettaq il-proġett relatat fin-Naxxar, li għalih ġew allokati €300,000 – l-ammont qed jirrapreżenta l-ispiża li l-Gvern ikkalkula li ser ikun qed jonfoq matul 2023.
Dan l-ispazju ser ikun qed jiġbor u joffri diversi servizzi minn hub wieħed ċentrali. Bdejna wkoll konsultazzjoni mal-imsieħba relatati fis-settur, biex dan il-proġett ikun mhux biss jirrifletti l-bżonnijiet u l-isfidi ta' llum il-ġurnata imma wkoll ikun jirrispetta l-prinċipji tal-Konvenzjoni għad-Drittijiet tal-Persuni b'Diżabilita' tal-Ġnus Magħquda u l-iStrateġija Nazzjonali 2021-2030.

Seduta 46
08/11/2022

**DAY CENTRES GĦALL-PERSUNI B'DIŻABILITÀ - INVESTIMENT**

**3657. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA** staqsiet lill- Ministru għall-Inklużjoni, il-Volontarjat u d-Drittijiet tal-Konsumatur: Tista' l-Ministru tagħti tagħrif dwar l-investiment, inkluż rinovar u upgrading, li sar fid-day centres għall-persuni b'diżabilità matul l-2021 u l-2022 u kemm kien il-valur totali ta' dan l-investiment? Fejn sar tali investiment, fiex kien jikkonsisti u kemm kien il-valur ta' kull investiment? Kemm hu ppjanat li se jkun l-investiment simili għall-2023? Fejn hu ppjanat li jsir tali investiment, fiex inhu ppjanat li jkun jikkonsisti u kemm hu ppjanat li jkun il-valur ta' kull investiment?

03/11/2022

**ONOR. JULIA FARRUGIA PORTELLI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li Aġenzija Sapport, b'mod regolari tmexxi proġetti ta' rinovar u tisbiħ fiċ-ċentri ta' matul il-jum bħala parti mill-proġett ta' modernizzar tal-istess ċentri f'Malta u Għawdex kif ukoll twettaq titjib fil-faċilitatjiet għad-dispożizzjoni tal-persuni b'diżabilità li jibbenefikaw mis-servizzi ta' matul il-jum.
Dettalji dwar xogħlijiet li saru matul l-2021 u l-2022 kfi ukoll dawk proġettati għas-sena 2023, huma mniżżla fil-lista li qed titpoġġa fuq il-Mejda tal-Kamra. L-ispejjeż imniżżla għas-sena 2023 huma estimi.

Seduta 46
08/11/2022

**GĦAQDIET VOLONTARJI U SPORTIVI – SKEMA GĦAL GĦAJNUNA FINANZJARJA**

**3658. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA** staqsiet lill- Ministru għall-Inklużjoni, il-Volontarjat u d-Drittijiet tal-Konsumatur: Tista' l-Ministru tagħti tagħrif dwar jekk il-Ministeru hux se jkollu skema/i fl-2023 li permezz tagħha/tagħhom għaqdiet volontarji u sportivi jistgħu jibbenefikaw minn għajnuna finanzjarja biex ikunu jistgħu jinvestu f'enerġija effiċjenti, pereżempju billi jistallaw apparat li jkun iktar energy efficient matul l-2023? Tista' tagħti tagħrif dwar jekk kienx hemm tali skemi fl-2022 jew fis-snin preċedenti u jekk iva, kemm kien hemm għaqdiet li bbenefikaw minn tali skemi, kif ibbenefikaw u kemm kien l-ammont li fil-fatt intuża għal tali skemi?

03/11/2022

**ONOR. JULIA FARRUGIA PORTELLI:** Nitlob lil Onorevoli interpellant biex jaghmel il-mistoqsija lill-Ministeru ikkoncernat.

Seduta 46
08/11/2022

**BAĠIT 2023 - ITEM 7475 REACH - INDEPENDENT LIVING AND EMPLOYMENT**

**3659. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA** staqsiet lill- Ministru għall-Inklużjoni, il-Volontarjat u d-Drittijiet tal-Konsumatur: Tista' l-Ministru tgħid x'inhi r-raġuni għala f'Item 7475 REACH - Independent Living and Employment tal-estimi finanzjarji tal-Baġit għall-2023 kien hemm tnaqqis minn €4,000,000 (approved estimate 2022) għal €300,000 (estimate 2023)?

03/11/2022

**ONOR. JULIA FARRUGIA PORTELLI:** Nitlob lill-Onorevoli interpellant biex jirreferi għat-tweġiba tal-mistoqsija numru 3655.

Seduta 46
08/11/2022

**ILQUGĦ GĦAL ILMA TAX-XITA**

**3669. L-ONOR. RYAN CALLUS** staqsa lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali: Jista' l-Ministru jgħid x'inhi l-*policy*/prassi applikata minn Infrustructure Malta meta jkun qed isir xogħol ta' toroq u jkun hemm il-bżonn li jsir ilqugħ (catchment grills) sabiex jinġabar l-ilma tax-xita ħalli jimtlew bjar fl-għelieqi? Jista' jgħid dawn l-ilqugħ jitħallsux minn fondi pubbliċi bħala parti mill-proġett jew inkella Infrustructure Malta titlobx lil persuna li tkun ser tibbenefika mill-ilma miġbur sabiex iħallsu huma?

04/11/2022

**ONOR. AARON FARRUGIA:** Ninforma lill-Onorevoli Interpellant li fejn ikun possibli, Infrastructure Malta tinkorpora dawn it-tipi ta' faċilitajiet fix-xogħol tagħha biex issostni s-settur agrikolu fil-pajjiż.

Seduta 46
08/11/2022